# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 25 ta' Jannar, 2023.**

**Numru 7**

**Rikors numru 279/21/1 LM**

**Eugenio Camenzuli, George Camenzuli, Salvino Camenzuli u Maria Dolores Muscat**

**v.**

**Moses Zammit u l-Avukat tal-Istat**

1. Din is-sentenza tindirizza l-eċċezzjoni ta' nullità tal-appell li ppreżentaw ir-rikorrenti fl-14 ta' Lulju 2022 minn sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla fil-15 ta' Ġunju 2022 li ddikjarat ksur tal-jedd fundamentali protett bl-Art 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ["l-Ewwel Protokoll"] u ordnat lill-Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti kumpens ta' tlettax-il elf u tmienja u ħamsin ewro u tlieta u tletin ċenteżmu

(€13,058.33) bħala danni pekunjarji u non-pekunjarji. Kawża li fiha r-rikorrenti ilmentaw mill-kera li kienu jirċievu fir-rigward ta' fond f'Ħal-Lija, liema kirja hi protetta taħt l-Ordinanza Li Tirregola t-Tiġdid tal-Kiri tal-Bini (Kap. 69) tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Mill-atti jirriżulta li:

2.1. Ir-rikorrenti fetħu l-kawża fit-28 ta' April 2021 u talbu dikjarazzjoni ta' ksur tad-dritt fundamentali protett bl-ewwel artikolu tal-ewwel protokoll, u ħlas ta' kumpens bħala rimedju;

2.2. B'sentenza mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2022 il-Qorti Ċivili, Prim' Awla laqgħet it-talba tar-rikorrenti limitatament għall-perjodu bejn is-6 ta' Diċembru, 2016 u 28 ta' Mejju, 2021, u llikwidat kumpens ta' €13,058.33 li għandu jitħallas mill-Avukat tal-Istat, bl-imgħax mis-sentenza.

2.3. Ir-rikorrenti appellaw b'rikors tal-14 ta' Lulju 2022 u talbu lil din il-Qorti sabiex:

> *"tirriforma s-sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu laqgħat it-talbiet rikorrenti tirriformaha l-perjodu determinat mill-Qorti li fiha r-rikorrenti soffrew id-danni u tiddikjara li l-apellanti soffrew danni mis-*

> *sena 2001 sas-sena 2021 u mhux biss mis-sena 2016 sas-sena 2021, oltre li tirriforma u jew tikkoreġi ukoll d-dannu non-pekunarju ffissat mll-ewwel Qorti għar-raġunijiet premessi, tikkonferma l-istess senetnza fejn laqgħat is-sitt eċċezzjoni tal-intimat Żammit u tirriformaha wkoll in kwantu l-Qorti laqgħet limitatament it-tlettax il eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat billi tiċħadha.*
>
> *Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellati.”*

2.4. Fit-2 ta’ Awwissu 2022 l-Avukat tal-Istat wieġeb u *inter alia* ta l-eċċezzjoni ta’ nullità tal-appell minħabba li ġie ppreżentat *fuori termine*.

3. Fl-udjenza tal-14 ta’ Novembru 2022 il-Qorti semgħet lid-difensuri tal-partijiet dwar l-eċċezzjoni preliminari u l-appell tħalla għas-sentenza dwar dik l-eċċezzjoni.

**<u>Konsiderazzjonijiet.</u>**

4. L-Avukat tal-Istat isostni li r-rikors tal-appell hu null għaliex ma ġiex ippreżentat fi żmien għoxrin jum mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, kif mitlub mir-regolament 4(2) tar-Regoli dwar il-Prattika u l-Proċedura tal-Qrati u l-Bon-Ordni (L.S. 12.09). Isostni li dak il-perjodu hu ta’ ordni pubbliku u ma jistax jinbidel lanqas bi qbil bejn il-partijiet.

5. Regolament 4(2) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 jipprovdi:

> "*(2) Ir-rikors ta' l-appell għandu jsir fi żmien għoxrin ġurnata mid-data tad-deċiżjoni appellata, u l-appellat jista' jippreżenta risposta bil-miktub fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data tan-notifika.*
>
> *Iżda meta l-appell isir minn deċiżjoni mogħtija wara referenza magħmula skond l-artikolu 46(3) tal-Kostituzzjoni ta' Malta jew l-artikolu 4(3) tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea, dan l-appell għandu jsir fi żmien tmint ijiem tax-xogħol mid-data tad-deċiżjoni appellata.*"

6. Id-difensur tar-rikorrenti għamel referenza għall-Art. 207 tal-Kap. 12 li jirregola l-proċedura quddiem qorti tal-appell u argumenta li l-perjodu tal-appell kien ta' 30 jum mid-data tas-sentenza li tat l-Ewwel Qorti. Il-Qorti ma taqbilx minkejja li f'subinċiż (7) ta' dik id-disposizzjoni tissemma l-Qorti Kostituzzjonali. L-Art. 207 ma jistipulax it-terminu li fih għandu jsir appell.

7. Hu l-Art. 226(1) tal-Kap. 12 li jipprovdi:

> *"(1) L-appell isir b'rikors li jiġi preżentat fir-reġistru tal-Qorti tal-Appell fi żmien tletin (30) jum mid-data tas-sentenza"*.

8. Kull ma nbidel bl-Att XXXII tal-2021 f'dik id-disposizzjoni hu li l-perjodu tal-appell sar tletin (30) jum minflok għoxrin (20) jum. Disposizzjoni li però ma fihiex referenza għall-Qorti Kostituzzjonali.

9. Fis-sentenza l-Avukat Dr Cedric Mifsud nomine v. Awtorità għat-Trasport f'Malta et tas-26 ta' Jannar 2022, din il-Qorti diġà qalet:

> *"10. Il-Qorti tqis li l-argument tal-organizzazzjoni attriċi li t-terminu applikabbli għall-preżentata tal-appell huwa ta' tletin ġurnata ai termini tal-Artikolu 226 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huwa għal kollox infondat. Peress li dawn huma proċeduri kostituzzjonali t-termini għall-*

*preżentata tar-rikors tal-appell huma rregolati mhux mill-Kapitolu 12 tal- Liġijiet ta' Malta iżda mil-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09, għaliex lex specialis derogat generali".*

10. Inoltre regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09 għadu fis-seħħ, u regolament 7 jagħmilha ċara li:

*"(7) Barra minn dak li huwa maħsub mod ieħor f'dawn ir-regoli, id-disposizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizazzjoni u Proċedura Ċivili, minn ħawn 'il quddiem imsejjah 'il-Kodiċi', u ta' kull leġislazzjoni sussidjarja magħmula bis-saħħa tal-Kodiċi għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-proċedimenti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili u l-Qorti Kostituzzjonali imsemmija fir-regola 2".*

11. Għaldaqstant f'dan il-każ it-terminu tal-appell hu dak li jissemma f'regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09. Fil-każ in eżami l-appell kellu jiġi ppreżentat fi żmien 20 jum mis-sentenza appellata.

12. Għalkemm waqt it-trattazzjoni d-difensur tar-rikorrenti għamel referenza għas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim' Awla fl-ismijiet Paul Demicoli v. Ministru tal-Politika Soċjali et tas-16 ta' Jannar 2018, f'dak il-każ il-kwistjoni kienet dwar jekk leġislazzjoni sussidjarja saritx lil hinn mis-setgħat mogħtija fil-liġi ewlenija. Kwistjoni li m'għandhiex x'taqsam mal-argument li għamel id-difensur fl-appell in eżami li Att tal-Parlament għandu japplika bi prevalenza fuq leġislazzjoni sussidjarja. Argument bla bażi fil-każ in eżami għaliex m'hemmx kunflitt bejn dak li jipprovdi l-Art. 226 tal-Kap. 12 u r-regolament 4 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 12.09, ġialadarba Art. 226 ma jirreferix għall-Qorti Kostituzzjonali li hi qorti differenti mill-Qorti tal-Appell (Art. 3 tal-Kap. 12).

13. Is-sentenza appellata ngħatat fil-15 ta' Ġunju 2022. Għalhekk l-appell kellu jiġi ppreżentat sal-5 ta' Lulju 2022. Billi r-rikorrenti ppreżentaw l-appell fl-14 ta' Lulju 2022, l-appell sar *fuori termine*.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell u ma tqisux iktar. Spejjeż a karigu tar-rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr